PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0042/2009

27.10.2009

*

RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa
(COM(2009)0366 – C7-0112/2009 – 2009/0104(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur għal opinjoni: Tanja Fajon

Magħquda fid-diversità

PR_CNS_title4am

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 5

NOTA SPJEGATTIVA 12

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN 16

PROĊEDURA 24

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa
(COM(2009)0366 – C7-0112/2009 – 2009/0104(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni (COM(2009)0366),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 67 u l-Artikolu 62(2)(b)(i) tat-Trattat KE, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0112/2009),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0042/2009),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal regolament tal-Kunsill – att li jemenda
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Il-kompożizzjoni tal-listi ta’ pajjiżi terzi fl-Annessi I u II għar-Regolament (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta’ Marzu 2001 għandu jkun, u għandu jibqa’, konsistenti *mal-kriterji imniżżla* fil-premessa (5)	(1) ***Il-Kummissjoni bdiet id-djalogu attwali dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża b’approċċ reġjonali u b’perspettiva Ewropea li tinvolvi l-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent fuq livell ugwali u mingħajr***

tiegħu. Uħud mill-pajjiżi ***terzi***, li għalihom inbidlet is-sitwazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kriterji, għandhom jkunu trasferiti minn Anness għall-ieħor.	***diskriminazzjoni.*** Il-kompożizzjoni tal-listi ta’ pajjiżi terzi fl-Annessi I u II għar-Regolament (KE) Nru 539/2001 tal-15 ta’ Marzu 2001 għandu jkun, u għandu jibqa’, konsistenti *mal-kriterji mniżżla* fil-premessa (5) tiegħu. Uħud mill-pajjiżi ***tal-Balkani tal-Punent (l-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja)***, li għalihom inbidlet is-sitwazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kriterji, għandhom ikunu trasferiti minn Anness għall-ieħor. ***L-istess kriterji stabbiliti fil-pjanijiet direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża għandhom japplikaw għall-pajjiżi kollha kkonċernati.***

Emenda 2

Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 1 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent li laħqu l-kriterji stabbiliti għandhom jitħallew jidħlu fis-sistema ta’ vvjaġġar ħieles mill-viża mill-bidu tal-2010. Dawk il-pajjiżi li, minkejja li jkunu għamlu progress sostanzjali, ma jkunux laħqu kompletament il-kriterji stabbiliti, għandhom jingħataw l-istess privileġġ ladarba jilħqu dawn il-livelli fil-pjanijiet direzzjonali korrispondenti għal-liberalizzazzjoni tal-viża.

Emenda 3

Proposta għal regolament tal-Kunsill – att li jemenda
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) B’ħames pajjiżi Balkani tal-Punent ***- l-Abanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-***	(2) B’ħames pajjiżi Balkani tal-Punent *il-ftehimiet* għall-Faċilitazzjoni tal-Viża daħlu fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2008, bħala l-ewwel

Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja - Il-ftehimiet għall-Faċilitazzjoni tal-Viża daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008, bħala l-ewwel pass konkret fit-triq stipulata mill-aġenda ta' Tessalonika lejn reġim ħieles mil-viża għaċ-ċittadini tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. Ma kull wieħed minn dawn il-pajjiżi, fl-2008 infetaħ djalogu dar il-liberalizzazzjoni tal-viża u ġew stabbiliti pjani direzjonali għal-liberalizazzjoni tal-viża. Fil-valutazzjoni tagħha tal-implimentazzjoni tal-pjani direzzjonali ta' Mejju 2009, il-Kummissjoni ikkunsidrat li dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja laħqet *mar-parametri* kollha fil-pjan direzzjonali tagħha. Il-Montenegro u s-Serbja laħqu mal-maġġoranza tar-rekwiżiti mininimi fil-pjani direzzjonali rispettivi tagħhom.	pass konkret fit-triq stipulata mill-aġenda ta' Tessalonika lejn reġim ħieles mill-viża għaċ-ċittadini tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. Ma kull wieħed minn dawn il-pajjiżi, fl-2008 infetaħ djalogu dar il-liberalizzazzjoni tal-viża u ġew stabbiliti pjani direzjonali għal-liberalizazzjoni tal-viża. Fil-valutazzjoni tagħha tal-implimentazzjoni tal-pjani direzzjonali ta' Mejju 2009, il-Kummissjoni ikkunsidrat li dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja laħqet *mal-parametri* kollha fil-pjan direzzjonali tagħha. Il-Montenegro u s-Serbja laħqu mal-maġġoranza tar-rekwiżiti mininimi fil-pjani direzzjonali rispettivi tagħhom. ***L-Albanija u l-Bosnja-Herzegovina għamlu aktar progress fir-rigward tal-kriterji relevanti minn meta kienet ippubblikata l-aħħar evalwazzjoni tal-Kummissjoni.***

Ġustifikazzjoni

L-ewwel parti hi konsegwenza editorjali tal-Emenda 1. It-tieni parti żżid informazzjoni nieqsa dwar iż-żewġ stati tal-Balkani tal-Punent, li kienet koperta mid-djalogi dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża u b'mod partikolari mill-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Mejju 2009. Skont l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni ż-żewġ pajjiżi għamlu progress importanti, filwaqt li sar progress sinifikanti (mhux imniżżel fil-proposta tal-Kummissjoni ta' Lulju 2009) bejn Mejju u Settembru 2009.

Emenda 4

Proposta għal regolament tal-Kunsill – att li jemenda
Premessa 2 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Bil-għan li titmexxa 'l quddiem l-implimentazzjoni tal-aġenda ta' Tessaloniki, u bħala parti mill-approċċ reġjonali, il-Kummissjoni, fil-limiti tal-kompetenza tagħha u fid-dawl tar-Riżoluzzjoni 1244(1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, għandha tibda djalogu dwar il-viża mal-Kosovo u tistabbilixxi pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni u l-faċilitazzjoni tal-viża bħal dawk stabbiliti ma' pajjiżi oħra tal-Balkani tal-Punent.

Emenda 5

Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 3 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Bil-għan li jissaħħaħ il-proċess ta' stabilizzazzjoni u ta' assoċjazzjoni, l-ivvjaġġar bla ħtieġa ta' viża jtejjeb il-parteċipazzjoni fis-suq komuni, li qed tkun stabbilita gradwalment mal-Albanija, mal-Bosnja-Ħerzegovina, mal-Montenegro u ma' dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja, u b'hekk jikkontribwixxi għall-kummerċ, l-innovazzjoni u t-tkabbir.

Ġustifikazzjoni

Ftehimiet ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (SAA) bħalissa huma fis-seħħ: ma' dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (dħul fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004) u mal-Kroazja (dħul fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2005.) L-SAA mal-Albanija ġiet iffirmata f'Ġunju 2006 u l-ftehima interim (IA) dwar in-negozju u kwistjonijiet kummerċjali daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2006. L-SAA mal-Albanija daħlet fis-seħħ mill-1 ta' April 2009. *L-SAA u l-IA ma' Montenegro ġew iffirmati fil-15 ta' Ottubru 2007 u l-IA daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008. Il-ftehimiet mal-Bosnja-Ħerzegovina ġew iffirmati fis-16 ta' Ġunju 2008 u l-IA daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2008. Il-ftehimiet mas-Serbja għadhom ma ġewx iffirmati u m'hemm fis-seħħ l-ebda ftehima interim.*

Emenda 6

Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Għalhekk dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegrro u s-Serbja ***(l-aħħar tnejn jilħqu l-parametri kollha sad-data tal-adozzjoni tar-Regolament preżenti),*** għandhom ikunu trasferiti għall-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 539/2001. It-tneħħija tal-viża għandha tapplika biss għal dawk id-detenturi tal-passaporti biometriċi maħruġa minn kull wieħed ***mit-tlett*** pajjiżi involuti.	(4) Għalhekk dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, il-Montenegrro u s-Serbja, ***l-Albanija u l-Bosnja-Ħerzegovina,*** għandhom ikunu trasferiti għall-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 539/2001. ***Il-Montenegro u s-Serbja huma mistennija jilħqu l-kriterji ta' referenza kollha sad-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. L-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża għandha tapplika għall-Albanija u l-***

	Bosnja-Ħerzegovina wara li l-Kummissjoni tevalwa li kull wieħed minnhom jissodisfa l-kriterji kollha stabiliti fil-pjan direzzjonali relevanti għal-liberalizzazzjoni tal-viża u wara li l-Kunsill japprova dik l-evalwazzjoni. It-tneħħija tal-viża għandha tapplika biss għal dawk id-detenturi tal-passaporti biometriċi maħruġa minn kull wieħed ***mill-ħames*** pajjiżi involuti.

Ġustifikazzjoni

Il-premessa hija emendata b'konsegwenza tal-Emendi 5 u 6, li jbiddlu t-test attwali tar-Regolament (KE) Nru 539/2001. Il-liberalizzazzjoni tal-viża se tapplika biss meta jkunu ssodisfati l-kriterji kollha.

Emenda 7

Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 4 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien u fil-bidu tal-2010 l-aktar tard, tippreżenta rapport dwar il-progress li jkun sar minn dawn iż-żewġ pajjiżi fir-rigward tal-kriterji stabbiliti fil-pjan direzzjonali.

Emenda 8

Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 4 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) Għalkemm l-Albanija u l-Bosnja u Ħerzegovina għamlu progress biex jissodisfaw il-kriterji rispettivi tagħhom, l-awtoritajiet relevanti tal-Albanija u l-Bosnja-Ħerzegovina għandhom jadottaw, mingħajr dewmien, ir-riformi meħtieġa biex jissodisfaw il-kriterji rispettivi tagħhom b'mod sħiħ.

Emenda 9

Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 4 c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4c) Il-Kummissjoni għandha tgħin lill-awtoritajiet rilevanti tal-Albanija u l-Bosnja-Ħerzegovina f'dan ir-rigward.

Emenda 10

Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 5 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Il-proċess ta' liberalizzazzjoni tal-viża għandu jservi ta' referenza biex ikunu definiti r-relazzjonijiet mas-sħab tal-Lvant tal-Unjoni Ewropea.

Ġustifikazzjoni

Bi qbil mal-Artikolu 7 tad-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Samit dwar il-Parternarjat tal-Lvant li sar fi Praga, l-Unjoni Ewropea qed iżżomm bħala mira l-liberalizzazzjoni sħiħa tas-sistema tal-viża mal-ġirien tal-Lvant, bil-kundizzjoni li dawn jikkonformaw mal-kundizzjonijiet meħtieġa.

Emenda 11

Proposta għal regolament tal-Kunsill – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1 – punt -a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 539/2001
Anness I - parti 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) f'Parti 1, ir-referenzi għall-Albanija u l-Bosnja-Ħerzegovina huma mibdula b'li ġej:
	"L-Albanija *
	Bosnja-Ħerzegovina *

	L-isem tal-pajjiż għandu jitħassar u jiġi trasferit minn dan l-Anness għall-Anness II wara evalwazzjoni mill-Kummissjoni li l-pajjiż ikkonċernat jissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża u bi qbil mat-Trattat."

Emenda 12

Proposta għal regolament tal-Kunsill – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 539/2001
Anness II – parti 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2) Fl-Anness 2, Parti 1 għandhom jiddaħħlu r-referenzi li ġejjin:	2) Fl-Anness 2, Parti 1 għandhom jiddaħħlu r-referenzi li ġejjin:
	"L-Albanija *
	Bosnja-Ħerzegovina *
"dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja(*)	*"dik* li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja(*)
il-Montenegro (*)	il-Montenegro **
is-Serbja [eskluż detenturi ta' passaporti Serbi maħruġa mid-Direttorat tal-Kordinazzjoni Serb (bis-Serb Koordinaciona uprava)] **	is-Serbja [eskluż detenturi ta' passaporti Serbi maħruġa mid-Direttorat tal-Kordinazzjoni Serb (bis-Serb Koordinaciona uprava)](*) Koordinaciona uprava)] **
-------------------	-------------------
	L-isem tal-pajjiż għandu jiġi trasferit minn dan l-Anness għall-Anness I wara evalwazzjoni mill-Kummissjoni li l-pajjiż ikkonċernat jissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża u bi qbil mat-Trattat. L-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża tapplika biss għad-detenturi tal-passaporti bijometriċi.
* L-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża tapplika biss għad-detenturi tal-passaporti biometriċi".	** L-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża tapplika biss għad-detenturi tal-passaporti biometriċi".

NOTA SPJEGATTIVA

Fil-bidu tas-snin disgħin meta l-Jugoslavja kienet qed tispiċċa, l-Istati Membri ta’ dik li llum hi l-Unjoni Ewropea ma rnexxilhomx jaslu għal politika reġjonali komuni, li twassal għat-tmiem ta' gwerer imdemmija. Aħna ħadna r-responsabilità tar-reġjun b’mod progressiv mill-Amerikani li spustaw irwieħhom f’‘zoni kritiċi’ oħra tad-dinja. L-għan tagħna hu li nibnu l-istabilità u l-prosperità fir-reġjun li se jingħaqad mal-Unjoni, imma, meta ngħidu ‘ir-reġjun’, aħna rridu dejjem niftakru li qed nitkelmu dwar il-popli li jgħixu hemm. U, għandna nżommu f’moħħna li wara d-diżintegrazzjoni tal-Jugoslavja, wara gwerer qliel li ħallew feriti profondi u mijiet ta' eluf ta' refuġjati u migranti li ħarbu mir-reġjun, qed naraw tikber ġenerazzjoni ta' żgħażagħ li hi maqtugħa mill-Unjoni li dejjem iżjed qed tingħaqad u tkattar il-ġid madwar ir-reġjun. Iż-żgħażagh fil-Balkani tal-Punent normalment jivvjaġġaw biss fil-pajjiżi diviżi tagħhom (u xi drabi bejn dawn l-istess pajjiżi) u rari jistgħu jidħlu fl-UE. Iż-żgħar ta’ dawn il-pajjiżi jafu dwar l-Ewropej daqs kemm jafu dwar l-Amerikani - l-aktar mill-internet u t-TV. L-UE, li hemm il-ħsieb li ssir l-Unjoni tagħhom, li tinbotta l-amministrazzjonijiet tagħhom biex jadottaw ir-riformi, li tridhom jemmnu li aħna familja waħda Ewropea, għadha xi ħaġa astratta. Filwaqt li l-Unjoni taħdem favur il-libertà tal-moviment aħna nosservaw li llum il-popli ta’ dan ir-reġjun igawdu inqas drittijiet dwar il-libertà tal-moviment milli fi żmien l-ex-Jugoslavja. Verament irridu inżommu l-bieb magħluq għal dawn il-ġirien u pajjiżi li għaddew minn gwerer u ġġieldu kontra l-faqar u li jagħmlu minn kollox biex jogħġbuna? M’aħniex qed niddeċiedu dwar l-għoti ta’ impjiegi jew id-drittijiet ta’ residenza, qed niddeċiedu dwar id-dritt bażiku ta’ ċittadin futur tal-UE li jivvjaġġa fl-Unjoni.

L-istrateġija tal-Unjoni għar-reġjun hi mniżżla fl-aġenda ta’ Tessalonika, li tiggarantixxi perspettiva Ewropea lill-popli tal-Balkani tal-Punent u, b’mod partikolari, issemmi l-liberalizzazzjoni tal-viża. Fil-bidu tal-2008, ħames snin wara l-iffirmar tal-aġenda ta’ Tessalonika, il-Presidenza Slovena għamlet din il-kwistjoni waħda mill-prijoritajiet u nbdew in-negozjati. Il-memorandum spjegattiv tal-Kummissjoni mehmuż hawn jipproponi bidliet lir-Regolament KE 539/2001 u jiddeskrivi kif il-proċess kien implimentat. Jikkonkludi li l-ħames stati tal-Balkani tal-Punent li qed jinnegozjaw il-liberalizzazzjoni għamlu progress importanti imma huma biss tlieta minnhom li jistennew li jaraw il-liberalizzazzjoni tal-viża fix-xhur li ġejjin. Il-Bosnja u l-Albanija ma jikkwalifikawx. L-opinjoni teknika tal-Kummissjoni hi korretta imma lkoll nafu li deċiżjonijiet purament tekniċi jista' jkollhom impatt politiku qawwi ferm. Sfortunatament, il-proposta tal-Kummissjoni ma tivvalutax biżżejjed ir-riskju ta’ aktar diviżjoni fir-reġjun – li tagħmel ħsara mhux biss lill-koperazzjoni reġjonali imma wkoll internament lil dawk l-istati: Il-Kroati jgħixu fil-Kroazja u fil-Bosnja, is-Serbi jgħixu fis-Serbja u fil-Bosnja, u l-Albaniżi jgħixu fl-Albanija, fis-Serbja u fil-Maċedonja. Jekk niffavorixxu biss xi nazzjonalità niddistabbilizzaw ir-reġjun u naggravaw id-diviżjoni politika u etnika. Jien nappoġġja l-pożizzjoni tal-Kummissjoni li **la għandna nnaqqsu l-livell tar-rekwiżiti li ftehemna dwarhom u lanqas m’għandna nikkastigaw lill-aħjar pajjiżi għall-iżbalji ta’ dawk li qed ikaxkru saqajhom;** imma hemm it-tielet metodu.

Fl-abbozz ta’ rapport, qed nipproponi l-emendi, li mingħajr ma jbaxxu l-kriterji ta’ referenza stabbiliti fil-pjanijiet direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża, joffru lill-Albanija u l-Bosnja l-possibilità li jirkupraw u li jilħqu lill-Maċedonja, il-Montenegro u s-Serbja.
<u>**Il-kwistjoni hi verament sempliċi:jitneħħew ir-rekwiżiti tal-viża għal kull wieħed miż-**</u>

<u>żewġ pajjiżi immedjatament wara li wieħed jew l-ieħor jissodisfa l-kriterji ta' referenza kollha stabbiliti mill-Kummissjoni imma mingħajr ma jerġa' jkun hemm bżonn li jkun emendat ir-Regolament.</u> B'din il-proposta, ma nħallu l-ebda stat jibqa' lura u ma nitilfux aktar ħin fi proċess repettitiv ta' leġiżlar. Minħabba li dan il-ħin addizzjonali jħalli impatt politiku kbir fuq iż-żewġ stati jkun jaqbel li tinstab soluzzjoni leġiżlattiva flessibbli. Nibagħtu sinjal ċar liċ-ċittadini taż-żewġ pajjiżi – aħna qed nistennewkom, intom tridu biss torganizzaw il-gvernijiet tagħkom biex jaħdmu sod sabiex isewwu l-iżbalji u d-dewmien tagħhom stess u joffru l-istess kwalità bħall-pajjiżi ġirien tagħkom. U l-UE qed tagħmel dak kollu li tista' biex tgħinkom fit-triq Ewropea, mingħajr ma tbaxxi l-istandards komuni għalina lkoll.

Il-Kummissjoni tippreferi li teskludi liż-żewġ pajjiżi mil-lista l-bajda sakemm ma jilħqux il-kriterji ta' referenza, li f'dak il-każ, tkun laħqet saret proposta ġdida għall-emendi għar-Regolament KE 539/2001. Dan il-metodu hu ferm tekniku u komdu għal-leġiżlatur imma jżomm lill-Albanija u l-Bosnja milli jidħlu fil-lista l-bajda (mill-inqas għal sena) filwaqt li ċ-ċittadini tat-tliet pajjiżi l-oħra jkunu jistgħu jivvjaġġaw b'mod liberu. Li ma jingħata l-ebda limitu ta' żmien ma jgħinx biex tissaħħaħ il-motivazzjoni taż-żewġ gvernijiet li jirrformaw u jsewwi l-iżbalji tagħhom. Ma nixtieqx nirrepeti t-twissija dwar ir-riperkussjonijiet politiċi, kif ukoll il-ħsara psikoloġika li dan il-metodu jikkawża liċ-ċittadini tal-Bosnja u tal-Albanija lejn l-integrazzjoni Ewropea, filwaqt li għandu jitqies ukoll il-fatt li, fil-prattika huwa biss nazzjon sħiħ – il-Bosnijaki (Musulmani Bosnijaki) – li jitħalla barra mill-proċess. Nixtiequ nfakkru wkoll li meta żewġ stati ta' dan ir-reġjun – il-Kroazja u pajjiżi s-Slovenja – saru indipendenti, ma kienux introdotti l-viżi għaċ-ċittadini tagħhom.

Nixtieq nenfasizza li ż-żieda ta' pajjiż fil-lista l-bajda taħt ċerta kundizzjoni mhix xi ħaġa ġdida jew xi proposta stravaganti tal-Parlament. Meta dan ir-Regolament kien emendat preċedentement[1] tliet snin ilu, pajjiżi bħall-Antigwa, il-Baħamas, il-Barbados, il-Mawrizju, San Kitts u Nevis u s-Seychelles kienu miżjuda fuq kundizzjoni mal-anness li jelenka l-pajjiżi li għalihom il-viża ma kenitx mitluba. Verament ma jkunx jixraq li ma tingħatax opportunità simili lill-Albanija u l-Bosnja, li huma Ewropej u li għandhom perspettiva tas-sħubija tal-UE. Ninsab ċert li l-Albanija u l-Bosnja wkoll jixirqilhom metodu kostruttiv biex tkun liberalizzata b'mod rapidu il-viża; b'mod speċjali meta l-liberalizzazzjoni tkun mogħtija biss wara li r-rekwiżiti kollha tal-Kummissjoni jkunu milħuqa.

It-tieni preokkupazzjoni tar-rapport tiegħi hu l-Kosovo. Hi l-unika part tal-Balkani tal-Punent, li hi kompletament imħollija barra mill-proċess tal-liberalizzazzjoni tal-viża, lanqas biss m'hemm maħsuba perspettiva ta' taħdidiet. Dan naturalment hu kkawżat minn diviżjoni fost l-Istati Membri biex jirrikonoxxu l-indipendenza tiegħu. Filwaqt li jifhem il-kumplessità politika tal-problema, il-poplu tal-Kosovo m'għandux jitħalla barra minħabba n-nuqqas ta' ftehim li nħoloq. Nemmen li l-Parlament għandu jagħmel pressjoni kemm fuq il-Kummissjoni u kemm fuq il-Kunsill biex tinstab triq li tibda l-proċess tal-liberalizzazzjoni tal-viża filwaqt li jkun rispettat l-istatus tal-Kosovo skont il-UNSCR 1244/99 u d-diviżjoni bejn l-Istati Membri dwar id-dikjarazzjoni tiegħu ta' indipendenza. Dan iseħħ mingħajr preġudizzju għall-istatus tal-Kosovo. Dan jgħin biex isiru r-riformi strutturali meħtieġa.

Aħna, l-Unjoni Ewropea, jeħtieġ li nerfgħu r-responsabilità politika sabiex dan il-proċess isir. Qed nitkellmu dwar poplu li jinsab fil-viċinanzi diretti tagħna, dwar kuntatt bejn poplu u

[1] REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1932/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006.

poplu, dwar il-kwalità tal-ħajja tagħhom, dwar kuntatti aktar mill-qrib u koperazzjoni ekonomika aħjar. Jekk verament irridu li nintegraw il-pajjiżi kollha tal-Balkani tal-Punent fl-Unjoni Ewropea, il-ġenerazzjoni żagħżugħa, b'mod partikolari, għandu jkollha l-opportunità li tivvjaġġa, li titgħallem dwarha. Li nibqgħu wara bibien magħluqa għal żmien twil wisq tista' biss tgħin biex jissaħħaħ in-nazzjonaliżmu u jikbru d-diviżjonijiet etniċi, li qabel il-gwerer, prattikament ma kienux jeżistu.

7.10.2009

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsilll (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa (COM(2009)0366 – C7-0112/2009 – 2009/0104(CNS))

Rapporteur għal opinjoni: Sarah Ludford

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Parlament Ewropew, u l-Kumitat għall-Affarijiet Barranin b'mod partikolari, jappoġġja bil-qawwa l-abolizzjoni tas-sistema tal-viża għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent. Is-sistema attwali hija pass enormi lura għall-pajjiżi tal-ex-Jugożlavja, li ċ-ċittadini tagħhom setgħu jivvjaġġaw mingħajr viża lejn il-Punent waqt iż-żmien tas-Soċjaliżmu, iżda paradossalment illum huma meħtieġa japplikaw għal viża.

Is-sistema tal-viża iżolat liċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi, li, minkejja li jinsabu fiċ-ċentru tal-Ewropa, isibu ruħhom b'possibilitajiet limitati ta' vvjaġġar lejn il-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea. Anki l-pajjiżi ġirien huma inaċċessibbli għal bosta peress li l-applikazzjonijiet għall-viża jiġu miċħuda minħabba kundizzjonijiet iebsa. Din is-sitwazzjoni hija ta' xkiel proprju għall-persuni li nixtiequ narawhom jiżviluppaw kuntatti mal-kontroparti tagħhom fl-UE - is-soċjetà ċivili, in-negozjanti, u l-akkademiċi. Partikolarment fost iż-żgħażagħ, il-perċentwali ta' dawk li qatt ma kellhom l-opportunità jħallu pajjiżhom stess u jiskopru l-UE hija għolja ferm, u dan iġib miegħu sens ta' iżolament u diskriminazzjoni. Wasal iż-żmien li din is-sitwazzjoni tinbidel - familjarità mal-UE tippermetti fehim aħjar u kooperazzjoni eqreb u hija rekwiżit għall-bini ta' relazzjonijiet tajba u sostenibbli. Huwa fl-interess kemm tal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u tal-UE li jiffaċilitaw l-ivvjaġġar.

Filwaqt li r-restrizzjonijiet jagħmlu ħsara lill-persuni ordinarji, probabbilment ftit għandhom effett fuq il-kapaċità ta' wħud mill-gruppi li lejhom is-sistema timmira li jkollhom moviment ħieles, bħall-kriminali organizzati. Mezzi oħra jistgħu jikkontribwixxu ħafna iżjed għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar u l-kontrabandu p.e. il-bini ta' kapaċitajiet tal-amministrazzjonijiet, kooperazzjoni reġjonali msaħħa mill-pulizija u mill-ġudikatura kif ukoll monitoraġġ aktar rigoruż mal-fruntieri u taħriġ u rimunerazzjoni aħjar tal-istaff. Diġà

ttieħdu passi lejn dawn il-miżuri u dawn bdew iwasslu għal riżultati konkreti fir-reġjun.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin kontinwament talab għall-abolizzjoni tal-viża. Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea, għalhekk, hija pass fid-direzzjoni t-tajba, li ntlaqa' tajjeb. Madankollu, il-pajjiżi li tħallew barra minn qafas mingħajr il-ħtieġa ta' viża għandhom jitħallew jiffurmaw parti minnu ladarba jkunu ppreparati. M'għandniex nippermettu l-possibilità li dawn isiru aktar iżolati, filwaqt li l-ġirien tagħhom igawdu mill-possibbiltà ta' vvjaġġar lejn l-UE mingħajr xkiel. Naturalment, għandhom ikunu ppreparati u għad fadlilhom quddiemhom ftit xogħol x'jagħmlu. Madankollu, il-Kummissjoni issa għandha tagħtihom din l-opportunità, li minnha jistgħu jibbenefikaw hekk kif huma jkunu ssodisfaw il-kundizzjonijiet tal-pjan direzzjonali, mingħajr dewmien ikkawżat mill-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet fl-UE.

Għalhekk, l-Albanija u l-Bosnja-Ħerzegovina għandhom jibbenefikaw minn qafas mingħajr viża immedjatament wara li l-Kummissjoni tkun ivverifikat li jissodisfaw il-benchmarks stabbiliti fil-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża. Il-Kosovo m'għandux jiġi eskluż mill-proċess li jgawdu l-pajjiżi l-oħra tal-Balkani tal-Punent, u l-Kummissjoni għandha immedjatament tibda djalogu dwar il-viża u tistabbilixxi pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Għall-persuni li *joqgħodu* l-Kosovo skont UNSCR 1244/99 u persuni li ċ-ċertifikat taċ-ċittadinanza tagħhom ħareġ *għat-teritorju* tal-Kosovo skont UNSCR 1244/99, Direttorat ta' *Kordinazzjoni* speċifiku f'Belgrad ser ikun jieħu ħsieb tal-ġbir tal-applikazzjonjiet tal-passaporti u l-ħruġ ta' passaporti. Madanakollu, fid-dawl ta' tħassib dwar is-sigurtà partikolarment rigward il-migrazzjoni illegali potenzjali, id-detenturi tal-passaporti Serbi maħruġa minn dan id-Direttorat *tal-Kordinazzjoni* speċifiku (bis-Serb Koordinaciona uprava) għandhom ikunu esklużi *mir-reġim ħieles mill-viża* għas-Serbja.	(3) Għall-persuni li *joqogħdu* l-Kosovo skont UNSCR 1244/99 u persuni li ċ-ċertifikat taċ-ċittadinanza tagħhom ħareġ *għat-territorju* tal-Kosovo skont UNSCR 1244/99, Direttorat ta' *Koordinazzjoni* speċifiku f'Belgrad ser ikun jieħu ħsieb tal-ġbir tal-applikazzjonjiet tal-passaporti u l-ħruġ ta' passaporti. Madanakollu, fid-dawl ta' tħassib dwar is-sigurtà partikolarment rigward il-migrazzjoni illegali potenzjali, id-detenturi tal-passaporti Serbi maħruġa minn dan id-Direttorat *ta' Koordinazzjoni* speċifiku (bis-Serb *:* Koordinaciona uprava) għandhom ikunu esklużi *mis-sistema ta' eżenzjoni mill-viża* għas-Serbja.

	Minħabba l-fatt li l-fruntiera bejn is-Serbja u l-Kosovo titqies mill-awtoritajiet ta' Belgrad bħala fruntiera amministrattiva, li tista' taffettwa b'mod negattiv il-kontrolli effettivi tal-fruntieri bejn iż-żewġ Stati, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Gvern ta' Belgrad biex f'dik il-fruntiera jimplimenta l-istess miżuri u kontrolli li jimplimenta fil-fruntieri l-oħra kollha rikonoxxuti internazzjonalment.

Ġustifikazzjoni

F'Awwissu, il-Ministeru tal-Intern tar-Repubblika tas-Serbja u l-EULEX iffirmaw protokoll dwar il-koperazzjoni bejn il-pulizija li ntalab mill-Kummissjoni sabiex is-Serbja tingħata l-Eżenzjoni mill-Viża għall-UE. Għadhom ma reġgħux saru negozjati rigward il-ftehima dwar id-dwana. Minkejja l-istatus tal-Kosovo, is-Serbja għandha tapplika u timplimenta għall-fruntiera mal-Kosovo l-istess kontrolli standard li tapplika u timplimenta fil-fruntieri l-oħra kollha rikonoxxuti internazzjonalment.

Emenda 2

Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 3 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Bil-għan li titkompla l-implimentazzjoni tal-aġenda ta' Tessaloniki, il-Kummissjoni għandha tibda djalogu dwar il-viża mal-Kosovo sabiex tistabbilixxi pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża simili għal dawk stabbiliti ma' pajjiżi oħra tal-Balkani tal-Punent. Dan għandu jkun bla ħsara għall-kompetenza tal-Istati Membri rigward ir-rikonoxximent tal-Kosovo bħala stat indipendenti.

Emenda 3

Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 3 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3b) Bil-għan li jissaħħaħ ukoll il-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, l-ivvjaġġar bla ħtieġa ta' viża jtejjeb il-parteċipazzjoni fis-suq komuni li ftit ftit qed tkun stabbilita mal-Albanija, mal-Bosnja-Ħerzegovina, mal-Montenegro, u mal-ex-Repubblika Juġoslava tal-Maċedonja, u għalhekk jikkontribwixxi għall-kummerċ, l-innovazzjoni u t-tkabbir.

Justification

Stabilization and Association Agreements are currently in force: with the former Yugoslav Republic of Macedonia (entry into force on 1 May 2004) and with Croatia (entry into force on 1 February 2005). The SAA with Albania was signed in June 2006 and the interim agreement (IA) on trade and trade-related matters entered into force on 1 December 2006. The SAA and IA with Montenegro were signed on 15 October 2007 and the IA entered into force on 1 January 2008, the agreements with Bosnia and Herzegovina were signed on 16 June 2008 and the IA entered into force 1 July 2008. Agreements with Serbia are not yet signed and no interim agreement is in force.

Emenda 4

Proposta għal regolament – att li jemenda
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Għalhekk *dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava* tal-Maċedonja, *il-Montenegrro* ***u s-Serbja (l-aħħar tnejn jilħqu l-parametri kollha sad-data tal-adozzjoni tar-Regolament preżenti),*** għandhom ikunu trasferiti għall-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 539/2001. *It-tneħħija tal-viża* għandha tapplika biss għal dawk id-detenturi tal-passaporti *biometriċi* maħruġa minn kull wieħed ***mit-tlett*** pajjiżi	(4) Għalhekk *l-ex-Repubblika Jugożlava* tal-Maċedonja, *il-Montenegro****, is-Serbja, l-Albanija u l-Bosnja-Ħerzegovina*** għandhom ikunu trasferiti għall-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 539/2001 ***bil-kundizzjoniijiet, fir-rigward tal-Montenegro u s-Serbja, li dawn il-pajjiżi jissodisfaw il-benchmarks sad-data ta' adozzjoni tar-Regolament preżenti u, fir-rigward tal-Albanija u tal-Bosnja-Ħerzegovina, li l-eżenzjoni mill-ħtieġa ta'***

involuti.	***viża tapplika mingħajr dewmien minnufih wara l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni li kull wieħed minn dawk il-pajjiżi jissodisfa l-benchmarks kollha stabbiliti fil-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża u wara li avviż dwar l-evalwazzjoni jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*** L-evalwazzjonijiet mill-Kummissjoni għandhom isiru kull xahar u għandhom jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kif ukoll lill-pajjiżi kkonċernati. *L-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża* għandha tapplika biss għal dawk id-detenturi tal-passaporti *bijometriċi* maħruġa minn kull wieħed ***mill-ħames*** pajjiżi involuti.

Emenda 5

Proposta għal regolament – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1 – punt -a (ġdid)
Regolament (KE) Nru 539/2001
Anness I – Parti 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) fil-Parti 1, ir-referenza għall-Albanija u l-Bosnja-Ħerzegovina għandha tkun emendata kif ġej: ***"L-Albanija **** ***Il-Bosnja-Ħerzegovina **** ***------------------*** **** L-isem tal-pajjiż għandu jitħassar minn dan l-Anness bla dewmien u minnufih wara l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni li l-pajjiż konċernat jissodisfa l-benchmarks kollha stabbiliti fil-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viżi u wara li avviż dwar l-evalwazzjoni jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.***

Emenda 6

Proposta għal regolament – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 2
Regolament (KE) Nru 539/2001
Anness II – Parti 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2) Fl-Anness 2, Parti 1 għandhom jiddaħħlu r-referenzi li ġejjin:	2) Fl-Anness 2, Parti 1, għandhom jiddaħħlu r-referenzi li ġejjin: "***L-Albanija * ***** ***Il-Bosnja-Ħerzegovina * *****
"dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja*(*)*	*l-ex-Repubblika Jugożlava* tal-Maċedonja ********
Il-Montenegro*	Il-Montenegro ******
is-Serbja [*eskluż* detenturi ta' passaporti Serbi maħruġa mid-Direttorat *tal-Kordinazzjoni* Serb (bis-Serb Koordinaciona uprava)] *	is-Serbja [*minbarra* detenturi ta' passaporti Serbi maħruġa mid-Direttorat *ta' Koordinazzjoni* Serb (bis-Serb*:* Koordinaciona uprava)] ******
-------------------	------------------- **** L-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża għandha tapplika bla dewmien u minnufih wara l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni li l-pajjiż konċernat jissodisfa l-benchmarks kollha stabbiliti fil-pjan direzzjonali għal-liberalizzazzjoni tal-viża u wara li avviż dwar l-evalwazzjoni jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.***
(*) L-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża tapplika biss għad-detenturi tal-passaporti *biometriċi*".	****** L-eżenzjoni mill-ħtieġa ta' viża tapplika biss għad-detenturi tal-passaporti *bijometriċi*".

PROĊEDURA

Titolu	Proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsilll (KE) Nru 539/2001 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandu jkollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa
Referenzi	COM(2009)0366 – C7-0112/2009 – 2009/0104(CNS)
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 14.9.2009
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Baroness Sarah Ludford 16.9.2009
Eżami fil-kumitat	29.9.2009 6.10.2009
Data tal-adozzjoni	6.10.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 53 –: 8 0: 7
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pino Arlacchi, Frieda Brepoels, Elmar Brok, Arnaud Danjean, Michael Gahler, Andrzej Grzyb, Takis Hadjigeorgiou, Heidi Hautala, Anna Ibrisagic, Jelko Kacin, Ioannis Kasoulides, Tunne Kelam, Andrey Kovatchev, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Ryszard Antoni Legutko, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Ulrike Lunacek, Barry Madlener, Mario Mauro, Willy Meyer, Francisco José Millán Mon, Alexander Mirsky, Andreas Mölzer, María Paloma Muñiz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Raimon Obiols, Ioan Mircea Paşcu, Vincent Peillon, Mirosław Piotrowski, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, Fiorello Provera, Jacek Saryusz-Wolski, Adrian Severin, Marek Siwiec, Ernst Strasser, Hannes Swoboda, Zoran Thaler, Inese Vaidere, Johannes Cornelis van Baalen, Kristian Vigenin, Graham Watson, Boris Zala
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Elena Băsescu, Emine Bozkurt, Nikolaos Chountis, Marije Cornelissen, Véronique De Keyser, Göran Färm, Lorenzo Fontana, Liisa Jaakonsaari, Elisabeth Jeggle, Baroness Sarah Ludford, Nadezhda Mihaylova, Doris Pack, Vittorio Prodi, Teresa Riera Madurell, Marietje Schaake, Indrek Tarand, Traian Ungureanu, Janusz Władysław Zemke
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Michel Dantin, Tanja Fajon, Georgios Stavrakakis, Manfred Weber

PROĊEDURA

Titolu	Lista ta' pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk iċ-ċittadini li huma eżentati minn dik il-ħtieġa
Referenzi	COM(2009)0366 – C7-0112/2009 – 2009/0104(CNS)
Data meta ġie kkonsultat il-PE	31.7.2009
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 14.9.2009
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFET 14.9.2009
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Tanja Fajon 2.9.2009
Eżami fil-kumitat	30.9.2009 6.10.2009 19.10.2009
Data tal-adozzjoni	19.10.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 45 –: 2 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Philipp Albrecht, Vilija Blinkevičiūtė, Louis Bontes, Rita Borsellino, Emine Bozkurt, Simon Busuttil, Rosario Crocetta, Cornelis de Jong, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Cornelia Ernst, Tanja Fajon, Monika Flašíková Beňová, Hélène Flautre, Kinga Göncz, Sylvie Guillaume, Ágnes Hankiss, Jeanine Hennis-Plasschaert, Salvatore Iacolino, Sophia in 't Veld, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Baroness Sarah Ludford, Monica Luisa Macovei, Clemente Mastella, Nuno Melo, Louis Michel, Claude Moraes, Antigoni Papadopoulou, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Csaba Sógor, Renate Sommer, Rui Tavares, Wim van de Camp, Axel Voss
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Elena Oana Antonescu, Andrew Henry William Brons, Anna Maria Corazza Bildt, Ioan Enciu, Monika Hohlmeier, Stanimir Ilchev, Franziska Keller, Petru Constantin Luhan, Antonio Masip Hidalgo, Mariya Nedelcheva, Michèle Striffler, Cecilia Wikström
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Ioannis Tsoukalas
Data tat-tressiq	21.10.2009